Generated by Foxit PDF Creator © Foxit Software
http://www.foxitsoftware.com For evaluation only.

ŻEBBUĠ

Kunsill Lokali |ebbu[ - G]awdex
Triq il-Knisja, |ebbu[
Nru. tat-Telefon:- 21563056 Nru. tal-Fax:- 21563322
E-mail:- zebbug.gozo.lc@gov.mt Website:- zebbuggozo.com

# AVVIŻI MILL-KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ

## FONDI SPEĊJALI GĦAL MARSALFORN

Filwaqt li l-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn applika għal fondi speċjali wara li kien hemm sejħa għal dan il-għan mis-Segretarjat Parlamentari għall-Kunsilli Lokali ma għadd ta' Kumitati Amministrattivi f' lokalitajiet oħrajn, nhar il-Ġimgħa li għaddiet is-Sindku Carmelo Saliba ġie ppreżentat b'ċekk ta' 10,000 Ewro f' isem il-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn mis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr. Chris Said waqt ċerimonja li nżammet ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq. Dawn il-flus huma nofs is-somma li ser tingħatalna biex tiġi wżata għal proġett ġewwa Marsalforn fejn il-Kumitat Amministrattiv diġa approva biex dawn l-20,000 Ewro u forsi xi ħaġa oħra mill-budget ta' Marsalforn niksu biċċa oħra bil-*hot asphalt* minn Triq Santa Marija. J' Alla jkollna opportunitajiet aktar minn dawn biex inkunu nistgħu nġibu fondi aktar lejn il-lokalita' tagħna.

## *MUSIC NIGHT* B' RISQ IL-MALTA COMMUNITY CHEST FUND

Numru sabiħ ta' parteċipanti kemm mill-lokalita' tagħna kif ukoll mir-Reġjun ta' Għawdex urew ix-xewqa li jattendu għal Music Night li l-Kunsill flimkien mal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ser jorganizza nhar il-Ġimgħa 19 ta' Novembru 2010 b' risq il-MALTA COMMUNITY CHEST FUND. Filwaqt li nirringrazzjaw lil kull min diġa kkommetta ruħu u xtara l-biljett biex jattendi nħeġġu biex parteċipanti oħrajn jiġu magħna għal din l-attivita' biex barra li niddevertu nkunu nistgħu noffru dik ix-xi ħaġa li jibqa' minn din l-attivita' li l-quddiem nistgħu nkunu bżonn din l-għajnuna AĦNA STESS. Minn dawn l-avviżi nirringrazzjaw lill-*management* tal-Odyssey Restaurant tal-għajnuna li offrilna kif ukoll lil tant oħrajn li ofrewlna l-i*spot prices*. Il-quddiem inkunu nistgħu ngħidulkom din l-attivita' x' ser jibqa minnha. F' isem il-Malta Community Chest Fund nirringrazzjaw lil kulħadd anke lil dawk li tawna donazzjoni u ma humiex ġejjin għal din l-attivita'.

## IL-ĦARĠA KULTURALI GĦAL MALTA NHAR L-ERBGĦA L-1 TA' DIĊEMBRU 2010

Sakemm qiegħdin niktbu dawn l-avviżi numru sabiħ ta' parteċipanti diġa nkitbu l-Kunsill u kkonfermaw li ser jattendu. Għad fadal postijiet għal min irid jipparteċipa f' din il-ħarġa u jista' jagħmel dan sa nhar il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2010 billi jċempel il-Kunsill fuq 21563056. Il-programm għadu qiegħed jiġi mfassal u sa issa nistgħu nikkonfermaw li ser niltaqgħu fi Pjazza l-Assunta fis-6.45a.m biex nitilqu mal-vapur tas-7.30a.m. Ser nibdew b' quddiesa fil-Kunvent tal-Kapuċċini fix-Xemxija kif ukoll ser inżuru l-Bażilika ta' Santa Elena ġewwa Birkirkara fejn fit-toroq tal-madwar kull nhar ta' Erbgħa jintrama l-akbar monti ġo Malta. Qiegħdin nippjanaw li jkollna ħin ta' mistrieħ ġewwa l-Belt Valletta kif ukoll ġie suġġerit biex inżuru l-ġnien ta' Sant' Anton fejn hemm ir-residenza tal-President ta' Malta. Kull min għandu xi suġġeriment jista' jagħmel dan billi jkellem lis-Sindku jew iċempel il-Kunsill fuq 21563056 għax għadna fil-ħin biex nikkunsidraw kull suġġeriment li intom tagħtuna. Grazzi bil-quddiem ta' kollox.

## ĊIRCO MARTIN ĠEWWA GĦAWDEX B' ĦAFNA ANNIMALI

Diġa numru sabiħ urew ix-xewqa u ser japprofittaw mir-roħs li ser inġibu biex jattendu għal dan IĊ-ĊIRCO MARTIN li ser jiġi ġewwa l-Bus Terminus fl-ewwel *weekend* ta' Diċembru. Iva filwaqt li l-prezz tat-tfal ser ikun ta' 5 Ewro għal kbar minflok 10 Ewro ser ikun ta' 7 Ewro għal dawk li ser jiġu magħna. Kull min huwa nteressat ġentilment huwa mitlub jinkiteb il-Kunsill u ser nipprovaw nattendu għax-show ta' nhar il-Ġimgħa 3 ta' Diċembru 2010 fil-5.30 p.m. Jekk ikun hemm min jixtieq jattendi biex jara dan IĊ-ĊIRCO u għal xi raġuni ma jkunx jista' jattendi għax-show ta' dan il-ħin ikellimna xorta waħda biex nagħmlu l-arranġamenti meħtieġa mal-organizzaturi ta' dan IĊ-ĊIRCO biex tkunu tistgħu tattendu bi prezz ridott f' ħinijiet jew ġranet oħrajn.

## NAĦSBU GĦAL-FESTI TAL-MILIED

Il-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ flimkien mal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn diġa qiegħdin naħsbu biex lil lokalita' tagħna nagħtuh dik il-libsa sabiħa billi narmaw u nżejnu iċ-ċentri prinċipali tagħna għal festi li ġejjin u li t-Twelid ta' Ġesu' Bambin iġib miegħu. Irridu li filwaqt inżejnu l-lokalita' tagħna kemm fiż-Żebbuġ kif ukoll Marsalforn biex aktar nidħlu fl-ispirtu ta' dawn il-festi rridu nżommu quddiem għajnejna li ċ-ĊENTRU ta' din il-ĠRAJJA huwa t-TWELID TA' SIDNA ĠESU' KRISTU ĊKEJKEN TARBIJA. Għalhekk minn dawn l-avviżi nħeġġu biex aktar familji u ndividwi jipparteċipaw fil-kompetizzjonijiet li norganizzaw għall-isbaħ PRESEPJU.

**Kunsill Lokali taż-Żebbuġ**
Carmelo Saliba - Sindku
Joe Bajada – Deputat Sindku
Kunsilliera – Joseph Camilleri, Harry Debono
Victor Refalo

**Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn**
Maria Saliba - Chairperson
Emmanuel Debono – Viċi Chairman
Membri tal-Kumitat – Carmen Camilleri,
George Sacco, Joseph Zammit

**Il-Ħamis, 18 ta' Novembru 2010** **Nru. 18/2010**